MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Avviz Numru. 366/2003

**Fenici Insurance Agency Ltd ghan-nom u s-socjeta' Lloyds (Malta) Limited bhala rapprezentanti lokali *ex lege* ghan-nom tal-membri ta' l-assiguratur Lloyds, li flimkien jiffurmaw is-sindikat li jgib in-numru 362, u dina kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Daniel Schembri u abbazi ta' polza tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi, u l-istess Daniel Schembri**

**Vs**

**Penza Construction Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici fejn talbet lil din il-Qorti previa kull dikjarazzjoni ta' responsabilita' skond il-ligi sabiex tikkundanna lill-konvenuti jersqu ghal-likwidazzjoni w hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur Daniel Schembri u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici, salv ghas-somma ta' mitt lira Maltin (LM100)

rapprezentanti *excess payment* imhallas mill-attur Daniel Schembri lis-socjeta' attrici Fenici Insurance Agency Limited skond il-polza ta' assikurazzjoni, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fis-16 ta' Gunju 2001 ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu (2.30a.m.) gewwa Triq il-Kosta, Naxxar, li fih kienet involuta l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GA0-083, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non oservanza tar-regolamenti tas-sigurta' u tat-traffiku da parti tieghu meta, fil-kors tax-xoghlijiet minnu intraprizi fl-istess lokalita' pogga *barrier* u oggetti ohra fit-triq minghajr ebda dawl jew sinjal iehor skond il-ligi sabiex jigu indikati x-xoghlijiet stradali minnu intraprizi kif fuq premess.

Bl-ispejjez inkluz dawn tal-ittra ufficjali ta' l-10 ta' Awwisu 2001 u dawk ta' l-ittra ufficcjali li intbghatet kontestwalment ma' dan l-att lill-istralcarji tas-socjeta' estera Independent Insurance, Mark Batten u Mark Dan Schwarzmann u interessi legali kontra s-socjeta' konvenuta li hija ingunta in subizzjoni.

Ghal finijiet ta' kompetenza gie dikjarat illi l-ammont pretiz ma jeccedix is-somma ta' hamest elef lira Maltin (LM5,000).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' Penza Construction Limited fejn eccepiet is-segwenti:-

*1. "Illi in linea preliminari l-Avviz odjern huwa null stante l-illegitimita' tas-socjeta' Fenici Insurance Agency Limited illi hija inkapaci skond il-ligi biex toqghod f'din il-kawza ghan-nom u in raprezentanza tas-socjeta' Lloyds (Malta) Limited f'cirkostanzi fejn din l-ahhar socjeta' hija effettivament prezenti f'Malta.*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi, stante li ma huwiex minnu li s-socjeta' esponenti hija b'xi mod tenuta responsabbli ghad-danni allegatament rizultanti mill-*

*incident awtomobilistiku formanti l-mertu tal-kawza odjerna*."

Illi nhar il-21 ta' April 2005 xehed **PS 586 Joseph Brincat** u spjega li nhar is-16 ta' Gunju 2001 huwa kien l-Ufficcjal li nvestiga l-kollizzjoni li fiha kien involut Daniel Schembri li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazjoni GAO 083 u dan kien habat ma' *barriers* li kienu qed jimblokkaw it-triq. It-triq kienet Triq il-Kosta, Naxxar fid-dahla li taghti ghall-Maghtab. Dana kien mahbut ma' *barriers* li kienu qed jimblokkaw din it-triq u dana allega li dawn il-*barriers* ma rahomx ghax kienu bla dawl. Ikkonferma li r-rapport sar lilu fit-tmienja w nofs ta' filghodu (8.30 a.m.) ghalkemm l-incident sar fis-saghtejn u nofs ta' filghodu (2.30 a.m.) w ghalhekk huwa mar fuq il-post tal-incident filghodu. Fuq il-post sab zewg haddiema u cioe' lil Toni Callus u Ray Brincat impjegati tas-socjeta' konvenuta li kkonfermawlu li mal-*barriers* ma kienx hemm dawl. Jghid li ma jaf min pogga dawn il-barriers, ghalkemm ix-xoghlijiet li kienu qed isiru fit-Triq kienu qed isiru mis-socjeta' konvenuta. Huwa esebixxa l-okkorenza li giet immarkata bhala Dok JB1.

Illi nhar id-19 ta' Ottubru 2005 xehed **Daniel Schembri.** Dan ikkonferma li l-vettura tieghu li kien qed isuq dakinhar tal-incident awtomobilistiku tal-ghamla Honda CRX Del Sol numru ta' registrazzjoni GAO-083 kienet assigurata mas-socjeta' Fenici Insurance Agency Limted. Spjega illi huwa kien qed isuq fid-direzzjoni tas-Salina fi Triq il-Kosta gej min-Naxxar u dan b'velocita' normali moderata. Traffiku iehor fit-triq ma kienx hemm. Jghid li huwa kien midhla ta' dik it-triq peress li kien juzaha darbtejn kuljum stante li huwa jghix l-Iklin u x-xoghol tieghu huwa Bugibba. Ikkonferma li huwa habat fis-saghtejn u nofs ta' filghodu (2.30a.m.) ta' nhar is-16 ta' Gunju 2001.

Ikkonferma li t-triq kienet qed tigi rikostruwita w kien hemm karreggjata wahda biss li kienet qed tintuza mit-traffiku. Qal li dakinhar meta kien ghaddej, f'daqqa wahda sab quddiemu *barrier* li kienet qed timblokkalu t-triq u ma kellux cans jieqaf. Qal li apparti li din il-*barrier* ma kellhiex dawl fuqha, kienet impoggija quddiem dik il-karreggjata li kienet qed tintuza ghat-traffiku. Qal li huwa nduna bil-

*barrier* meta kien vicin taghha, ftit metri ‘l boghod. Jghid li wicc it-triq ma kienx lest u  kien hem hafna zrar.  Sinjali ohra li jindikaw li kien hemm ostakolu ma kienx hemm. Qal li huwa kien wahdu w fuq il-post ma kien hemm hadd. Spjega li l-*barrier* spiccat fuq il-*bonnet* tal-vettura tieghu w kellu hsara fil-*windscreen* u fuq il-gnub taz-zewg nahat. Huwa gie kkumpensat mis-socjeta’ assikuratrici fis-somma t’erbat elef u erbgha mitt lira Maltin (LM4,400) ghas-saldu tal-hsarat kollha li sofra, ghalkemm inghata s-somma t’erbat elef u tlett mit lira Maltin (LM4,300) minhabba l-mitt lira Maltin (Lm100) li kien hallas bhala *excess*.

In kontro ezami nhar is-27 ta’ Novembru 2009 jghid li huwa kien niezel mid-direzzjoni tan-Naxxar sejjer fid-direzzjoni tas-Salina meta habat.  Qal li t-triq kienet dejqa, kien niezel bil-mod ghaliex kienu qed isiru xi xoghlijiet. Huwa jichad dak li gie allegat lilu li habat ma’ *barrier*. Mistoqsi jekk hax xi mizura evaziva jghid li ma setax ghaliex kien wisq vicin tal-*barrier* meta nduna biha. Qal li fit-triq *break marks* ma kienx hemm ghaliex it-triq kienet mimlija zrar.  Ikkonferma li t-triq kienet miftuha biss ghar-residenti dakinhar.  Jghid li ma jidhirlux li kien hemm sinjali biex jindikaw li kienu qed isiru x-xoghlijiet fit-triq ghalkemm jghid li dwal kien hemm ftit qabel u ftit wara.

Mistoqsi ghaliex dam ma mar jaghmel ir-rapport tieghu l-ghassa jghid li kellu xokk kbir fuqu, ma kellux dawl, kien caqlaq il-vettura la gemba ghax ma setax isuqha w marilha d-dawl, u kif appena gie f’tieghu mar jaghmel ir-rapport.

Qal li it-triq hija speci ta’ benniena u fejn kien hemm il-*barrier* ma setax jarah.  Ikkonferma li wara l-incident huwa kien biegh il-vettura tieghu.

Illi l-**Perit Ray Farrugia** xehed in rapprezentanza tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici.  Dan spjega li minn Settembru 1998 id-Direttorat tat-Toroq ma baqax jifforma parti mid-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici w qed jifforma parti mill-Awtorita’ Dwar it-Trasport, infatti jghid li anke meta d-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici jkun irid li jsiru

xi xoghlijiet f’xi triq pubblika wkoll jehtiegu l-permess tal-ADT u ghalhekk referenza ghax-xoghlijiet li kienu qed isiru fi Triq il-Kosta nhar is-16 ta’ Gunju 2001 m’ghandux.

Rat is-*survey* esebit mill-attur nhar it-12 ta’ Marzu 2007, liema *survey* giet immarkata bhala Dok Z imhejji minn John Callus, li jindika li l-istima totali tal-hsarat kien jammonta ghal erbat elef mija w wiehed u ghoxrin Lira Maltin (LM4,121.00).

Semghet lil **Joseph Chircop** jixhed fil-kapacita’ tieghu ta’ manager tal-ADT jghid li huwa addett fl-ufficcju fejn johorgu l-permessi ghax-xoghlijiet li ghandhom isiru fit-toroq. Spjega illi l-procedura kienet is-segwenti u cioe’ li l-persuna li trid taghmel xoghol fi triq pubblika trid tapplika maghhom u timla formola li jkun fiha numru ta’ kaxxi li jimtlew meta jottjeni l-*approvals* tad-dipartimenti koncernati w skond il-kaxxi li jimtlew ikollu *approvals*. Wara jerga’ jmur lura bl-*approvals* tal-entitajiet separati, jaraw jekk kollox ikunx in regola w jekk kollox ikun regolari huma jaghtu l-permess relattiv.

Ikkonferma li s-socjeta’ konvenuta kellha permess sabiex taghmel xi xoghol fi Tirq l-Kosta n-Naxxar. Kellha permess li taghmel xi xoghol minn triq li tinfed mis-Salina ghall-Iklin. Il-permess igib in-numru 0161/01/0185. Anzi jghid li dan huwa *extension* ta’ permess u l-perjodu tal-permes kien mill-1 ta’ Gunju 2010 sat-13 ta’ Lulju 2001. Ghalkemm meta jaghlaq il-permess setghet tintalab *extension*. F’dan il-permess is-socjeta’ konvenuta kellha l-obbligu li taghmel id-dwal u l-*bollards* fit-triq sabiex jigi evitat il-perikolu. Jghid li dawn huma *standard conditions*.

Il-**Perit Robert Sant** xehed nhar l-20 ta’ Frar 2008 u qal li huwa kien il-perit li kien imqabbad mill-kuntrattur u mill-ADT sabiex jissorvelja x-xoghlijiet li kienu qed isiru fit-triq. Ikkonferma li f’dik it-triq kellu jkun hemm rikostruzzjoni shiha tat-triq.

Spjega li din it-triq hija wahda twila w kien hemm partijiet minnha li kienu maghluqin ghat-traffiku. Fejn kienu qed isiru x-xoghlijiet, f’hafna partijiet minnha, ma kienx hemm

access ghat-traffiku. Qal li f'dik il-parti tat-triq hdejn is-Salina, kien hemm sinjal fil-bidu taghha li t-traffiku ma setax jghaddi. Kien hemm il-*barriers* u n-*no entry signs*. Pero' jghid li f'dik il-parti tat-triq li taghti ghall-Maghtab sal-parti t'isfel, cioe' sa Triq il-Kosta, din kienet maghluqa salv ghar-residenti, fis-sens li kienu jghaddu minn fuq il-*construction site*. Spjega li huwa ma jafx ezattament fejn sehh l-incident.

**Joseph Perici Calascione** xehed fil-kapacita tieghu ta' Managing Director mas-socjeta' assiguratrici fejn kien assigurat Daniel Schembri. Qal li Schembri kien kopert bil-polza tas-sigurta' *comprehensive* u ghalhekk meta Schembri ghamel il-*claim* maghhom huma nvestigaw il-kaz, dehrilhom li ma kienx tort tieghu li kien involut fl-incident awtomobilistiku, w ghalhekk huma hallsu lil Daniel Schmebri, u dan issurogahom fid-drittijiet tieghu. Huwa esebixxa kopja tad-*discharge note* li giet immarkata bhala Dok F u kopja tac-cekk tal-hlas li sar, li gie mmarkat bhala Dok S.

**Carmelo Penza** xehed fil-kapacita' tieghu ta' Direttur tas-socjeta' konvenuta. Jghid li huma kienu nkarigati sabiex jaghmlu triq gdida gewwa Triq il-Kosta n-Naxxar sal-Iklin, triq wahda u twila 4.7 kilometri w ikkonferma li kellhom il-permessi kollha necessarji mill-awtoritajiet koncernati. Qal li dik il-parti tat-triq hdejn is-Salina kienet maghluqa ghat-traffiku salv ghar-residenti tat-triq. Jghid li t-triq wiesa 7.2 metri kif inhi lesta llum, u dak iz-zmien karreggjata wahda biss tat-triq kienet miftuha. It-triq kienet tinzamm maghluqa bis-sinjali w bil-*bollards* u kien hemm ukoll id-dawl. Jghid li apparti d-dawl li ghamlu huma kien hemm ukoll id-dawl tal-Gvern. Mistoqsi jekk dakinhar tal-incident din il-karreggjata kinitx maghluqa minn xi haddiema tieghu jghid li ma jiftakarx.

Rat in-nota pprezentata mis-socjeta' konvenuta nhar l-10 ta' Marzu 2010 li permezz taghha Carmelo Penza esebixxa l-permess relattiv mahrug mill- Ministeru ghat-Trasport u Komunikazzjoni, li gie mmarkat bhala Dok AS1.

Ikkunsidrat:-

In tema ta' dritt jinghad skond l-**Artikoli 1031, 1032 u 1033 tal-Kodici Civili** li hi l-ligi komuni applikabbli ghal kulhadd indistintament li *"kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu"* u *"jitqies fi htija min ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja."* L-istess ligi hi mbaghad daqstant iehor kategorika w cara dwar il-punt illi *"kull min… minghajr hsieb li jaghamel danni…. B'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb....jghamel jew jonqos li jaghmel id-doveri mposti mil-ligi huwa obbligat ghall-hsara li tigi minn hekk."* Tali principji jabbraccaw l-attijiet ta' kommissjoni kif ukoll ta' ommissjoni.

Applikati ghall-kaz hawn trattat il-Qorti tara li jinkombi b'dover fuq is-socjeta' konvenuta, li kienet il-kuntrattur inkarigat li jaghmel ix-xoghlijiet fit-triq, illi tassikura li l-uzu tat-triq u l-*flow of traffic* jigu zvolti minghajr perikolu jew insidji. Dan bl-operat ta' dawk il-mizuri prekawzjonali li jharsu l-inkolumita' ta' l-utenti li jkunu qed jghamlu uzu mit-triq. Hekk billi per ezempju billi jpprovdu *guard rails, barriers* u senjalazzjonijiet ohra adegwati. L-istess socjeta' konvenuta ghandha wkoll id-dover li thares b'indukrar sufficcjenti, illi fl-esekuzzjoni ta' xoghlijiet stradali hija ghandha tiehu l-mizuri protettivi ghall-ahjar halsien ta' terzi. Jekk tonqos mela hija ghandha tigi rinfaccjata minn domanda ghar-rizarciment tad-danni kif hekk inhu proprju l-kaz *in specie*.

Kif gja gie osservat tali kondotta hi riflessa f'disposizzjonijiet espressi tal-ligi. Tista' wkoll pero' tkun prevista minn kondizzjoni kontrattwali jew anke minn sitwazzjoni specifika li tkun tesigi attivita' specifika fit-tutela tad-drittijiet ta' haddiehor.

Illi l-incident sehh nhar is-16 ta' Gunju 2001 meta Daniel Schembri kien qed isuq il-vettura tieghu sejjer lejn Triq il-Kosta s-Salina gejn min-Naxxar, u meta wasal proprju f'dik il-parti tat-triq li kienet *one way* minhabba x-xoghlijiet li kienu ghaddejjin, meta kien ftit metri 'l boghod innota li kien hemm *crash barrier* u baqa' diehel go fiha. Xhieda

okulari ohra tal-incident m’hemmx u dan ghaliex l-incident sehh fis-sieghat bikrin ta’ filghodu, u cioe’ fis-saghtejn u nofs ta’ filghodu (2.30 a.m.), kien wahdu w fit-triq ma kien hemm hadd iktar.

Daniel Schembri ma jghidx li kien qed isuq b’velocita’ eccessiva w jghid li kien qed isuq b’mod normali, izda harsa lejn is-*survey report* u l-hsarat estensivi li kien hemm, jindikaw li l-istess Schembri ma kienx qed isuq bil-mod u bil-galbu.

Illi din il-Qorti thoss li ghalhekk ghalkemm ma gietx stabilita l-velocita’ li kien ghaddej biha Damiel Schembri, xorta jirrizulta pero’ li meta wasal ghall-tarf it-triq u ra l-*crash barrier* huwa ma setax inaqqas l-i*speed* ghaliex kien vicin wisq u ghalhekk spicca dahal fiha u l-*crash barrier* spiccat fuq il-*bonnet* tal-vettura teighu. Kien jispetta lil Schembri jsuq b’aktar kawtela fit-triq fejn kienu ghaddejjin ix-xoghlijiet u kien hemm id-dlam u z-zrar. Schembri ma zammx *proper look out* ta’ dak li kien hemm madwaru.

Illi ghalhekk jirrizulta mill-*fatti specie* partikolari tal-kaz li Daniel Schembri kien qed isuq b’mod imprudenti ghal dik l-lokalita’, b’mod li s-sewqan tieghu ma tax lok sabiex huwa jkollu kontroll tal-vettura tieghu, b’mod li naqas li jiehu l-prekawzjonijiet necessarji qabel ma gie ghal dik il-parti tat-triq fejn habat, b’dan li ghalhekk huwa pogga lilu nnifsu, bis-sewqan imprudenti tieghu, f’posizzjoni ta’ *self inflicted incapacity.* Dan huwa rifless mill-fatt li fis-sewqan tieghu naqas li jiehu in konsiderazzjoni l-kontroll tal-vettura tieghu u kif kien ser jipprocedi minn dik il-parti tat-triq, li certament hi haga li l-istess sewwieq seta’ w kellu janticipa fl-investiment tal-vettura tieghu.

Din m’hijiex kwistjoni biss ta’ velocita’ izda wkoll ta’ sewqan prudenti, li necessarjament jiehu in konsiderazzjoni t-toroq li huwa jkun ghaddej minnhom, inkluz dik il-parti tat-triq li kienet *one way*.

Illi hawn tista’ ssir riferenza ghas-sentenza **“David Scerri et vs Anthony Ciantar et” (**P.A. (PS) - Cit. Nru: 728/97/PS – 3 ta’ Ottubru 2003) fejn intqal hekk :-

*“Huwa pacifiku illi anke fejn l-ispeed jitqies konformi ghar-regoli tas-sewqan, eppure certu speed kapaci jinnewtralizza dak il-margini ta’ sikurezza tant importanti u necessarju f’kull kaz ta’ emergenza li tista’ tinqala’ jew li sewwieq sab ruhu konfrontat minnha f’kull mument tas-sewqan”.*

Konsegwentement din il-Qorti thoss li s-sewqan imprudenti w negligenti ta’ l-istess Daniel Schembri kien, almenu, parti mill-kawza prossima ta’ l-istess incident, anke ghaliex kieku l-istess Schembri kien qed isuq bl-attenzjoni debita, ma kellu qatt jispicca fil-*crash barrier*.

Issokta mbaghad jigi amplifikat, bl-ghajnuna tal-hsieb traccjat mill-opra “**La Responsabilita` della Circolazione Stradale”,** Cigolini, Ed. 1955, pagna 227, illi, “*nelle ore notturne e` necessaria una particolare prudenza nel regolare la velocita` perche` la visibilita` e` limitatissima e soggetta ad errori ed equivoci e si corre il rischio di trovarsi improvvisamente di fronte ad ostacoli*” – “**Francesco Mifsud *et* –vs- Ivan Cortis**”, Appell Civili, 20 ta’ Marzu 1967 (Vol. LI P I p 210);

Ghar-rigward l-istat tat-triq jinghad li s-socjeta’ konvenuta, il-kuntrattur huwa responsabbli, u dan ghaliex ma hax prekawzjoni sabiex ma jkunx hemm perikolu ghall-utenti, billi ma kienx hemm wisq sinjali u senjaletika. Schembri jghid li kien hemm dawl, it-triq djieqet u saret *one way* u kien hemm ftit dawl wara, izda dan nonostante xorta ma setax jara l-*crash barrier* li kien hemm. Ma jidhirx li kien hemm xi sinjali fit-toroq li jindikaw l-istat tat-triq jew ahjar x’tip ta’ *road works* kienu ghaddejja, li jaghtu ndikazzjoni lill-utent dwar il-perikolozita’ li kien hemm.

F’dan ir-rigward il-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija (Kapitolu 10) jipprovdi f’numru ta’ disposizzjonijiet ir-regoli li jridu jigu segwiti meta jkun qed isir bini, ghal dak li hu riparar u illuminazzjoni. Hu mistenni li dawn ir-regoli jigu ottemperati minn kulhadd anke ghaliex joffru mizuri addattati biex tithares l-inkolumita` tal-persuni. B’ dover jinkombi fuq kulhadd li josservahom, kompriz bi dmir

ezemplari fi grad aktar gholi mill-kuntrattur kompetenti li jibqaghlu dejjem id-dover li jassikura f'kull mument l-osservanzi taghhom, anke waqt li x-xoghol ikun qed jigi esegwit.

Huwa ovvju minn dak indott mill-provi, li n-nuqqas ta' ottemperanza mat-termini tal-kuntratt, u dan ghaliex il-kuntrattur ma hax bizzejjed mizuri sabiex l-utenti ma jkunux involuti f'incidenti awtomobilisitici, w in-nuqqas ta' sorveljanza ghandhom jitqiesu, fic-cirkostanzi maghrufa, nuqqas ta' diligenza ordinarja mistennija minn *bonus paterfamilias.* Jista' jinghad li l-inosservanza tas-socjeta' konvenuta tikkonsisti f'dak l-att jew ommissjoni li jikkostitwixxi ksur ta' dmir impost mil-ligi (**Artikolu 1033 tal-Kodici Civili**). F'dan ir-rigward jinghad li skond il-kuntratt li kellu l-kuntrattur mad-Dipartiment tax-Xogholijiet huwa kellu jiehu dawk il-mizuri kollha sabiex jipprovdi s-sigurta fit-triq ghall-utenti kollha – haga li l-kuntrattur m'ghamilx sal-grad rikjest mil-ligi, w dan ghaliex jekk verament kien hemm dawl zgur li ma kienx hemm bizzejjed u in oltre ma jirrizultax li kien hemm senjaletika bizzejjed f'dan il-kaz li tattira l-attenzjoni tal-utenti fit-triq dwar il-perikolozita' ta' l-istess triq.

Ghadaqstant dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta u cioe' li l-Avviz odjern huwa null stante l-illegittimita' tas-socjeta' Fenici Insurance Agency Limited illi hija inkapaci skond il-ligi biex toqghod f'din il-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Lloyds (Malta) Limited f'cirkostanzi fejn din l-ahhar socjeta' hija effettivament prezenti f'Malta, jinghad li l-istess socjeta' konvenuta ma gabet l-ebda prova sabiex tissostanzja l-eccezzjoni taghha w ghalhekk tali eccezzjoni qieghda tigi michuda.

Dwar it-tieni eccezzjoni fejn is-socjeta' konvenuta qed issostni li l-incident mertu tal-kaz ma sehhx tort taghha, jinghad li fil-fehma tal-Qorti il-kontendenti ghandhom jinzammu responsabbli ghal dan l-incident fi kwoti ndaqs ta' nofs kull wiehed.

**Ghalhekk il-Qorti qieghda tiddikjara li l-incident awtomobilistiku li sehh fis-16 ta' Gunju 2001 fi Triq il-Kosta, Naxxar sehh in kwantu ghal nofs it-tort attribbwibbli lil Daniel Schembri u r-rimanenti nofs huwa attribwibbli ghas-socjeta' konvenuta Penza Construction Limited, u ghalhekk qieghda tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' elfejn u mitejn Lira Maltin (LM2,200) b'dan illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas is-somma ta' elfejn mija w hamsin Lira (LM 2150) ekwivalenti hamest elef u tmien Ewro u hmistax-il centezmu (€5008.15) lis-socjeta' assikuratrici u hamsin Lira Maltin (Lm50) ekwivalenti ghal mija w sittax-il Ewro w sitta w erbghin centezmu (€116.46) lil Daniel Schembri.**

L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu in kwantu ghal nofs mill-attur Daniel Schembri u r-rimanenti nofs mis-socjeta konvenuta Penza Cosntruction Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------